2025/2432

4.12.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2432

tat-3 ta' Diċembru 2025

li jissottometti l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mill-Indja, mill-Ġappun, mit-Tajwan, mit-Turkija u mill-Vjetnam soġġetti għar-reġistrazzjoni bil-ħsieb li jippermetti l-imposta ta' dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li infurmat lill-Istati Membri,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]), il-bidu ta' proċediment anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ ("CRF", cold-rolled flat steel products) li joriġinaw mill-Indja, mill-Ġappun, mit-Tajwan, mit-Turkija u mill-Vjetnam ("il-pajjiżi kkonċernati").

(2) Dan il-bidu segwa lment imressaq fl-4 ta' Awwissu 2025 minn Eurofer, l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar, f'isem il-produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni tal-UE tas-CRF.

1. PRODOTT SOĠĠETT GĦAR-REĠISTRAZZJONI

(3) Il-prodott soġġett għar-reġistrazzjoni ("il-prodott ikkonċernat") huwa prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew azzar mhux illigat, jew azzar illigat ieħor iżda eskluż l-azzar inossidabbli, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsa bla sħana), mhux miksija, b'liga jew mgħottija u mhux maħduma aktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsa bla sħana) iżda ma jinkludix:

(4) prodotti llaminati ċatti tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), mhux miksijin, indurati jew mgħottijin, mhux maħdumin aktar ħlief illaminati fil-kiesaħ, f'koljaturi jew le, ta' kull ħxuna, tal-elettriku,

(5) rrumblati ċatti tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), mhux miksijin, indurati jew mgħottijin, f'koljaturi, ta' ħxuna ta' inqas minn 0,35 mm, ittemprati (magħrufa bħala "pjanċi suwed"),

(6) prodotti rrumblati ċatti ta' azzar illigat ieħor, ta' kull wisa', ta' azzar silikon-elettriku, u

(7) prodotti rrumblati ċatti ta' azzar liga, mhux maħdumin aktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), ta' azzar għal veloċità għolja, li joriġinaw mill-Indja, il-Ġappun, it-Tajwan, it-Turkija u l-Vjetnam.

(8) Il-prodott ikkonċernat li bħalissa huwa kklassifikat taħt il-kodiċijiet NM ex 7209 15 00, 7209 16 90, 7209 17 90, 7209 18 91, ex 7209 18 99, ex 7209 25 00, 7209 26 90, 7209 27 90, 7209 28 90, 7211 23 30, ex 7211 23 80, ex 7211 29 00, 7225 50 80, 7226 92 00 (il-kodiċijiet TARIC 7209 15 00 90, 7209 18 99 90, 7209 25 00 90, 7211 23 80 19, 7211 23 80 95, 7211 23 80 99, 7211 29 00 19, 7211 29 00 99). Il-kodiċijiet NM u TARIC jingħataw għall-informazzjoni biss u mingħajr preġudizzju għal bidla sussegwenti fil-klassifikazzjoni tariffarja.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.
([2]) ĠU C, C/2025/5025, 18.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5025/oj.

2. **REĠISTRAZZJONI**

(9) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jistgħu jsiru soġġetti għar-reġistrazzjoni.

(10) L-għan tar-reġistrazzjoni huwa li jiġi żgurat li d-dazji anti-dumping, jekk ikun hemm, ikunu jistgħu jiġu imposti b'mod retroattiv fuq l-importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali applikabbli jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet meħtieġa.

(11) Il-Kummissjoni ddeċidiet fuq inizjattiva tagħha stess, li tagħmel l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku. Il-kundizzjonijiet għall-ġbir retroattiv tad-dazji se jiġu vvalutati fir-regolament li jimponi dazji definittivi, jekk ikun hemm.

(12) Kwalunkwe obbligazzjoni futura tiġi mis-sejbiet tal-investigazzjoni anti-dumping.

(13) L-allegazzjonijiet fl-ilment li jitlob il-bidu ta' investigazzjoni anti-dumping jistmaw marġnijiet tad-dumping ta' bejn 3,2 % u 31,3 % u livell ta' eliminazzjoni tad-dannu ta' bejn 22 % u 35 % għall-prodott ikkonċernat għas-sena 2024. Barra minn hekk, il-marġnijiet ta' dumping stmati kienu ogħla taħt l-allegazzjoni li teżisti sitwazzjoni partikolari tas-suq ("PMS", particular market situation) skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku. L-ammont ta' obbligazzjoni possibbli fil-futur normalment jiġi stabbilit fil-livell aktar baxx ta' dumping jew ta' dannu skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku.

(14) Jekk, matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni ssib evidenza ta' distorsjonijiet fil-materja prima skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, l-ammont ta' obbligazzjoni futura possibbli jiġi stabbilit fil-livell tal-marġni tad-dumping kif previst fl-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku jekk jiġi konkluż li dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ma jkunx biżżejjed biex titneħħa l-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni.

(15) F'dan l-istadju, il-Kummissjoni mhijiex f'pożizzjoni li tagħti stima tal-ammont ta' obbligazzjoni futura possibbli. B'hekk, l-ammonti msemmija fl-ilment huma biss għal skopijiet ta' informazzjoni u ma jistgħux joħolqu aspettattivi dwar il-livell attwali ta' obbligazzjoni li se jiġi stabbilit b'riżultat tal-investigazzjoni.

3. **PROĊESSAR TA' *DATA* PERSONALI**

(16) Kwalunkwe *data* personali miġbura fil-kuntest ta' din ir-reġistrazzjoni tiġi ttrattata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036, jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew azzar mhux illigat, jew azzar illigat ieħor iżda eskluż l-azzar inossidabbli, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsa bla sħana), mhux miksija, b'liga jew mgħottija u mhux maħduma aktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsa bla sħana) iżda li ma jinkludux:

prodotti llaminati ċatti tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), mhux miksijin, indurati jew mgħottijin, mhux maħdumin aktar ħlief illaminati fil-kiesaħ, f'koljaturi jew le, ta' kull ħxuna, tal-elettriku,

([3]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

rrumblati ċatti tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), mhux miksijin, indurati jew mgħottijin, f'koljaturi, ta' ħxuna ta' inqas minn 0,35 mm, ittemprati (magħrufa bħala "pjanċi suwed"),

prodotti rrumblati ċatti ta' azzar illigat ieħor, ta' kull wisa', ta' azzar silikon-elettriku, u

prodotti rrumblati ċatt ta' azzar illigat, mhux maħduma aktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsa bla sħana), tal-azzar b'veloċità għolja,

bħalissa kklassifikat taħt il-kodiċijiet NM ex 7209 15 00, 7209 16 90, 7209 17 90, 7209 18 91, ex 7209 18 99, ex 7209 25 00, 7209 26 90, 7209 27 90, 7209 28 90, 7211 23 30, ex 7211 23 80, ex 7211 29 00, 7225 50 80, 7226 92 00 (il-kodiċijiet TARIC 7209 15 00 90, 7209 18 99 90, 7209 25 00 90, 7211 23 80 19, 7211 23 80 95, 7211 23 80 99, 7211 29 00 19, 7211 29 00 99) u li joriġina mill-Indja, il-Ġappun, it-Tajwan, it-Turkija u l-Vjetnam.

Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN